TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

## Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Manwel Magro u Rita Bacica

vs

Orange Travel Group/SMS Mondial

CCT 19/21/MS

16 ta' Gunju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-15 ta' Frar 2021 fejn talbu r-rifuzjoni ta' tmien mitt Euro, depozitu mhallas ghal mawra (cruise) li gie kkancellat minhabba r-restrizzjonijiet in konnessjoni mal-pandemija Covid-19.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata fejn qalet illi kien ir-rikorrent illi kkancella il-cruise u anke ffirma karta fejn kien qed jaccetta li jitlef l-ammont tad-depozitu marbut ma tali kancellazjoni; illi bhala sinjal ta' rieda tajba u minghajr ebda obligazzjoni, ir-rikorrent gie offrut *credit note* b'validita' sal-31 ta' Dicembru 2021.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi Manwel Magro ibbukkja cruise mal-SMS Mondia f'Marzu 2019 u hallas depozitu ta' tmien mitt Euro. Il-cruise kien intiz ghal Gunju 2020 u meta beda jokrob iz-zmien, f'Marzu 2020, peress illi l-pandemija kienet diga' faqghet madwar id-dinja, ir-rikorrent mar l-ufficju biex jara l-affarijiet. Dakinhar, l-iskrivan qallu li kellu biss jumejn cans sabiex ihallas il-bilanc li kien fadal ta' €1,328 jew inkella jkollu jikancella l-cruise. Ir-rikorrent iddecieda li jikkancella. It-tifla tieghu, Rita Bacica, qalet illi l-papa taghha ghajr jiffirma, ma jafx jikteb u jaqra, u meta ffirma ma kienx car ghalih li kien ser jitlef id-depozitu, ghaliex hu ma qarax id-dikjarazzjoni u din ma gietx moqri lilu u ma gie infurmat li kien ser jitlef id-depozitu. Is-sahha tieghu marret ghall-aghar u fil-fatt ghamel operazzjoni magguri f'ghajnejh u ghalhekk beda jibza jmur cruise iehor. Ghalhekk huwa ma riedx il-credit note li offrewlu, izda xtaq jiehu rifuzjoni tad-depozitu.

Xehed ukoll ir-rikorrent li kkonferma dak kollu li qalet it-tifla tieghu u rega' sahaq li huwa ma jafx jikteb u jaqra, u jaf jiffirma biss.

Illi xehed ukoll Carl Ciappara prodott mis-socjeta' intimata li qal li r-rikorrent kien gie l-ufficju biex jaghmel il-booking. Qal illi meta wasal iz-zmien, ir-rikorrent gie avzat biex ihallas il-bilanc skond il-kundizzjonijiet li kien iffirma ghalihom fl-istess gurnata li kien iffirma l-booking. Ir-rikorrent gie mitkellem fuq it-telephone u anke fl-ufficju u gie spjegat lilu li kellu jhallas il-bilanc. Il-pandemija kienet ghadha fil-bidu taghha u kien qed jibza jmur l-ufficju taghhom. Ciappara ighid illi dan sehh fi Frar, meta ma kienx hawn hjiel illi l-cruise ma kienx ser isir. Ciappara ighid ukoll illi meta r-rikorrent gie l-ufficju huwa kien qallu illi jekk jaghzel li jikancella kien ser jitlef id-depozitu u dan kien miktub ukoll fuq il-form li huwa ghazel li jiffirma. Iktar tard, ir-rikorrent cempillu biex jitolbu jiehu lura d-depozitu u dan gie rifjutat, pero' bhala gest gie offrut credit note ta' €800.00.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta talba tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni ta' depozitu mhallas ghal cruise illi eventwalment gie kancellat u ma sehhx minhabba l-pandemija. Is-socjeta' intimata qieghda tirrifjuta tirrifondilu d-depozitu ghaliex qieghda tinsisti illi fil-mument meta r-rikorrent ghazel li iffirma l-cancellation form, kien avzat illi kien ser jitlef id-depozitu. Ir-rikorrent jichad illi dan gie spjegat lilu u jinsisti illi hu ma jafx jikteb u jaqra (hlief ghall-firma) u li kellu pressjoni kemm minhabba l-pandemija kif ukoll minhabba ragunijet ta' sahha personali.

Illi depozitu huwa forma ta' garanzija - f'dan il-kaz, li kieku r-rikorrent ma hallasx depozitu, is-socjeta' intimata ma kenitx tipprenotalu l-booking fuq il-cruise. Pero', b'danakollu, jekk xi hadd jixtieq jikancella, iktar u iktar meta dan isehh diversi xhur qabel (u mhux millum ghal ghada) ghandu jithalla jikancella u jkun intitolat biex jiehu lura d-depozitu li hallas. F'dan il-kaz, l-anqas tista' tghid illi d-decizjoni li jikancella l-cruise kienet tieghu. Huwa gie avvicinat mis-socjeta' intimata u nghata l-ghazla, jew biex ihallas il-bilanc tal-cruise, jew biex jikancella. Minhabba l-pandemija, li kienet diga bdiet sew barra minn Malta, huwa gustament ma kienx komdu illi jsiefer u jhallas il-bilanc kollu. Il-cruise kien ha jsir erba' xhur wara u ghalhekk is-socjeta' intimata setghet, jekk riedet, halliet ir-rikorrenti jahsibha ftit iehor u fl-istess hin thalli ftit zmien biex ikejjel is-sitwazzjoni u jara x'kien ser jigri. Bhala fatt illi l-cruise ma sehhitx u li kieku r-rikorrent hallas il-bilanc kollu, kien ikollu d-dritt illi jitlob ir-rifuzjoni tal-ammont kollu peress illi l-cruise giet kancellata minhabba l-pandemija.

It-Tribunal ghalhekk ihoss, illi termini bhal dawn (li jgieghluk titlef id-depozitu) huma abbusivi, u jmorru kontra dak li jipprovdi l-artikolu 44 et seq tal-Kap 378. Dan kien kaz genwin ghall-ahhar u r-rikorrent kellu ragun jikancella l-cruise fic-cirkostanzi. Il-credit note offruta mis-socjeta' intimata ma taghmilx sens fic-cirkostanzi meta s-sitwazzjoni tal-pandemija ghadha ghaddejja u meta hafna nies ghadhom mhumiex komdu jsiefru. Jibqa' l-fatt illi l-cruise ma sehhitx u allura kwalunkwe depozitu mhallas l-isocjeta' intimata ghandha tigi rifuza lir-rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' tmien mitt Euro ghar-ragunijiet fuq premessi. bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru